Bonnici Nazareno	...	...	...	...	...	...	...	...	...	...	...	...	...	...	...	...	...	...	...	...	...	...	...	...	...	...	
Borg Manché Conrad	+ 21	7,115	+ 208	7,323	+ 255	7,578	+ 38	7,616	+ 25	7,641	- 7,641	...	...	...	...	...	...	...	...	...	...	...	...	...	...	...	
Cassola Arnold	+ 53	15,908	+ 513	16,421	+ 942	17,363	+ 145	17,508	+ 47	17,555	+ 3,290	20,845	+ 1,365	22,210	+ 121	22,331	+ 391	22,722	+ 219	22,941	- 22,941	...	...	...	...	...	
D'Agata Alexander	...	...	...	...	...	...	...	...	...	...	...	...	...	...	...	...	...	...	...	...	...	...	...	...	...	...	
Florian Stephen	...	...	...	...	...	...	...	...	...	...	...	...	...	...	...	...	...	...	...	...	...	...	...	...	...	...	
Gheorghe Radu	...	...	...	...	...	...	...	...	...	...	...	...	...	...	...	...	...	...	...	...	...	...	...	...	...	...	
Grixti George	...	...	...	...	...	...	...	...	...	...	...	...	...	...	...	...	...	...	...	...	...	...	...	...	...	...	
Mercieca Simon	...	...	...	...	...	...	...	...	...	...	...	...	...	...	...	...	...	...	...	...	...	...	...	...	...	...	
Muscat James	+ 12	2,244	- 2,244	...	...	...	...	...	...	...	...	...	...	...	...	...	...	...	...	...	...	...	...	...	...	...	
Vassallo Edwin	...	...	...	...	...	...	...	...	...	...	...	...	...	...	...	...	...	...	...	...	...	...	...	...	...	...	
Zammit Adrian	...	...	...	...	...	...	...	...	...	...	...	...	...	...	...	...	...	...	...	...	...	...	...	...	...	...	
Poloz li mhumiex trasferibbli :	+ 86	1,431	+ 539	1,970	+ 1,314	3,284	+ 322	3,606	+ 225	3,831	+ 1,713	5,544	+ 4,857	10,401	+ 599	11,000	+ 899	11,899	+ 965	12,864	+ 13,229	26,093	+ 818	26,911	+ 323	27,234	
TOTAL :		**260,258**		**260,258**		**260,258**		**260,258**		**260,258**		**260,258**		**260,258**		**260,258**		**260,258**		**260,258**		**260,258**		**260,258**		**260,258**	

METSOLA ROBERTA **AGIUS SALIBA ALEX** **AGIUS PETER** **CASA DAVID** **ATTARD DANIEL** **BAJADA THOMAS**

U aħna hawnhekk ingħarrfu illi dawn li huma msemmijin hawn fuq ġew kif mistħoqq eletti Membri tal-Parlament Ewropew.

And we do hereby declare the said candidates duly elected Members of the European Parliament.

Illum, fid-9 jum ta' Ġunju tas-sena 2024

Dated this 9th day of June of the year 2024

J. CAMILLERI

Kummissjonarju Elettorali Prinċipali

Chief Electoral Commissioner

M AZZOPARDI M. CALLUS V. DALLI R. DIMECH D. GALEA

M. PORTELLI S. SANT V. SCERRI A. SCIBERRAS J. SCICLUNA

Kummissjonarji Elettorali

Electoral Commissioners

1307

Permezz ta' digriet mogħti fis-16 ta' April, 2024, mill-Bord li Jirregola l-Kera fl-atti tar-rikors fl-ismijiet Dott. Carmen Salafia Zammit vs Mary Louise Grixti et, Rikors numru 579/2023CG, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Mary Louise Grixti et a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Permezz ta' rikors fl-ismijiet Dott. Carmen Salafia Zammit, MD (KI 0290069M) vs Mary Louise Grixti (KI 214359M) u l-Awtorità tad-Djar ippreżentat fil-Bord li Jirregola l-Kera, fl-24 ta' Novembru, 2023, ir-rikorrenti Dott. Carmen Salafia Zammt, MD (KI 0290069M) talbet lil dan l-Onorabbli Bord sabiex:

1. Jiddikjara u jiddeċiedi illi l-intimata Mary Louise Grixti hija l-inkwilina tal-fond 200, Triq Manuel Dimech, Tas-Sliema (Malta), ai termini u applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza li Tirregola t-Tiġdid tal-kiri tal-Bini Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Jordna li jitwettaq it-test tal-mezzi tal-intimata Mary Louise Grixti li għandu jkun ibbażat fuq it-test tal-mezzi stabbilit fir-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi) u kwalunkwe regolamenti li jistgħu minn żmien għal żmien jissostitwuhom;

3. Jiddikjara u jiddeċiedi illi ai termini tal-Att XXIV tal-2021 il-kera għandha tiġi riveduta għal ammont li ma jeċċedix it-2% fis-sena tal-valur liberu u frank tas-suq miftuħ tal-fond 200, Triq Manuel Dimech, Tas-Sliema (Malta), fl-1 ta' Jannar, 2023, u sabiex jekk ikun il-każ jiġu stabbiliti kundizzjonijiet ġodda fir-rigward tal-kera;

4. Jordna u jikkundanna lill-intimata Mary Louise Grixti tibda tħallas tali kera kif awmentata b'effett mid-data tal-preżentata tar-rikors odjern;

5. Jordna f'każ illi l-intimata Mary Louise Grixti ma tissodisfax il-kriterji tad-dħul u tal-kapital tat-test tal-mezzi, li l-intimata tiġi permessa żmien ta' sentejn sabiex tivvaka l-fond 200, Triq Manuel Dimech, Tas-Sliema (Malta), oltre li tħallas kumpens pagabbli lir-rikorrenti għall-okkupazzjoni tal-fond matul l-imsemmi perjodu fl-ammont li jiddetermina dan l-Onorabbli Bord;

6. Jagħti dawk il-provedimenti kollha li hemm bżonn.

By means of a decree of the 16th April, 2024, of the Rent Regulation Board, in the records of the Application in the names Dr Carmen Salafia Zammit MD vs Mary Louise Grixti et, Application Number 579/2023CG, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Mary Louise Grixti in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

By means of an application in the names Dr Carmen Salafia Zammit, MD (ID 0290069M) vs Mary Louise Grixti (ID 214359M) and Housing Authority filed before the Rent Regulation Board, on the 24th November, 2023, the applicant Dr Carmen Salafia Zammit MD (ID 0290069M) requested this Honourable Board to:

1. Declare and decide that the respondent Mary Louise Grixti is the lesee of the premises 200, Triq Manuel Dimech, Tas-Sliema (Malta), in terms and application of the dispositions of the Reletting of Urban Property (Regulation) Ordinance Cap. 69 of the Laws of Malta;

2. Order that the means test of the respondent Mary Louise Grixti be carried out which shall be based on the means test established in the Rules of the Continuation Tenancies (Means Testing Criteria) and any regulations which may from time to time replace them;

3. Declare and decide that in terms of Act XXIV of 2021 the rent shall be revised to an amount not exceeding 2% per annum of the free and unencumbered open market value of the premises 200, Triq Manuel Dimech, Tas-Sliema (Malta), on the 1st January, 2023, and if the case may be to establish new conditions regarding the lease;

4. Order and condemn the respondent Mary Louise Grixti to start paying such rent as increased with effect from the date of filing of this application;

5. Order that in case the respondent Mary Louise Grixti does not satisfy the criteria of income and capital of the means test, the eviction of the same respondent from the premises 200, Triq Manuel Dimech, Tas-Sliema (Malta), besides paying a compensation for the occupation of the premises during the same period which amount is to be determined by this Honourable Board;

6. Give all such provisions as are necessary.

Bl-ispejjeż u bl-inġunzjoni tal-intimata għas-subizzjoni u b'riżerva għal kull dritt ta' azzjoni oħra spettanti lir-rikorrenti.

Rikorrent: 10, Triq San Ġwann tal-Għargħar, San Ġwann (Malta)

Notifika: 200, Triq Manuel Dimech, Tas-Sliema (Malta)

L-Awtorità tad-Djar

Ir-rikors fl-ismijiet Dott. Carmen Salafia Zammit vs Mary Louise Grixti et, Rikors numru 579/2023CG, jinsab differit għas-17 ta' Ġunju, 2024, fid-9.30 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 11 ta' Ġunju, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

With costs and the respondent is from now summoned so that a reference to her oath be made and reserving any right of action due to the applicant.

Applicant: 10, Triq San Ġwann tal-Għargħar, San Ġwann (Malta)

Notification: 200, Triq Manuel Dimech, Tas-Sliema (Malta)

Housing Authority

The application in the names Dr Carmen Salafia Zammit vs Mary Louise Grixti et, Application number 579/2023CG, has been postponed for hearing to the 17th June, 2024, at 9.30 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 11th June, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1308

Ikun jaf kulħadd illi bis-setgħat mogħtija lilha bl-artikolu 257 tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili, b'Digriet tas-6 ta' Ġunju, 2024, u dan wara Rikors b'numru 379/2024, ordnat:

Lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku li jagħmel l-annotazzjonijiet jew korrezzjonijiet neċessarji fl-Att tat-Twelid numru 6711/1945, biex kull fejn jidher il-kunjom 'Teuma', dan jiġi sostitwit bil-kunjom korrett 'Theuma'.

Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili

Illum it-Tnejn, 10 ta' Ġunju, 2024

ADRIAN MICALLEF
Deputat Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

It is hereby notified that in virtue of the powers conferred by Section 257 of the Civil Code, the Court of Revision of Notarial Acts, by a Decree dated the 6th June, 2024, and upon an application numbered 379/2024, ordered:

To the Director of the Public Registry to make the necessary annotations or corrections in the Act of Birth number 6711/1945, so that wherever the surname 'Teuma' appears, it is replaced by the correct surname 'Theuma'.

Court of Revision of Notarial Acts

Today Monday, 10th June, 2024

ADRIAN MICALLEF
Deputy Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

1309

Ikun jaf kulħadd illi bis-setgħat mogħtija lilha bl-artikolu 257 tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili, b'Digriet tas-6 ta' Ġunju, 2024, u dan wara Rikors b'numru 557/2024, ordnat:

Lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku li meta jiġi biex jirreġistra l-Att tat-Twelid ta' Pooja Paras Dhamecha, fir-Reġistru Pubbliku ta' Malta, jagħmel l-annotazzzjonijiet jew korrezzjonijiet neċessarji f'dak l-Att tat-Twelid, biex l-isem 'Pooja' tagħha jiġi primarjament mibdul għal 'Pooja Kanaiyalal' u sabiex l-isem 'Pooja Kanaiyalal' jiġi mibdul għal 'Pooja Paras' u di più fl-Att taż-Żwieġ tagħha, meta dan

It is hereby notified that in virtue of the powers conferred by Section 257 of the Civil Code, the Court of Revision of Notarial Acts, by a Decree dated the 6th June, 2024, and upon an application numbered 557/2024, ordered:

To the Director of the Public Registry so, when he comes to register the Act of Birth of Pooja Paras Dhamecha, in the Public Registry of Malta, makes the necessary annotations or corrections in that Act of Birth, for her name 'Pooja' to be primarily changed to 'Pooja Kanaiyalal' and for the name 'Pooja Kanaiyalal' to be changed to 'Pooja Paras' and moreover in her Act of Marriage, when it comes to be

jiġi biex ikun reġistrat f'Malta, l-isem 'Pooja Kanaiyalal' jiġi mibdul għal 'Pooja Paras'.

Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili

Illum it-Tnejn, 10 ta' Ġunju, 2024

ADRIAN MICALLEF
Deputat Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

registered in Malta, the name 'Pooja Kanaiyalal' is changed to 'Pooja Paras'.

Court of Revision of Notarial Acts

Today Monday, 10th June, 2024

ADRIAN MICALLEF
Deputy Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

1310

Ikun jaf kulħadd illi bis-setgħat mogħtija lilha bl-artikolu 257 tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili, b'Digriet tas-6 ta' Ġunju, 2024, u dan wara Rikors b'numru 558/2024, ordnat:

Lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku li jagħmel l-annotazzjonijiet jew korrezzjonijiet neċessarji fl-Att tal-Mewt bin-numru 897/2024, biex omm id-decujus 'Filomena Coleiro at birth Diacono' tiġi indikata bħala ħajja permezz tal-kelma 'Alive' minflok mejta bil-kelma 'Dead'.

Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili

Illum it-Tnejn, 10 ta' Ġunju, 2024

ADRIAN MICALLEF
Deputat Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

It is hereby notified that in virtue of the powers conferred by Section 257 of the Civil Code, the Court of Revision of Notarial Acts, by a Decree dated the 6th June, 2024, and upon an application numbered 558/2024, ordered:

To the Director of the Public Registry to make the necessary annotations or corrections in the Act of Death with the number 897/2024, so that the mother of the decujus 'Filomena Coleiro at birth Diacono' is to be indicated as alive through the word 'Alive' instead of dead with the word 'Dead'.

Court of Revision of Notarial Acts

Today Monday, 10th June, 2024

ADRIAN MICALLEF
Deputy Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

1311

Ikun jaf kulħadd illi bis-setgħat mogħtija lilha bl-artikolu 257 tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili, b'Digriet tas-6 ta' Ġunju, 2024, u dan wara Rikors b'numru 556/2024, ordnat:

Lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku li jagħmel l-annotazzjonijiet jew korrezzjonijiet neċessarji fl-Att tat-Twelid bin-numru 1165/2023, biex it-tieni isem ta' Jacque Beck Connor jiġi mibdul minn 'Lynn' għal 'Beck' u minn 'L' għal 'Beck' fuq l-Att taż-Żwieġ numru 1549/2023.

Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili

Illum it-Tnejn, 10 ta' Ġunju, 2024

ADRIAN MICALLEF
Deputat Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

It is hereby notified that in virtue of the powers conferred by Section 257 of the Civil Code, the Court of Revision of Notarial Acts, by a Decree dated the 6th June, 2024, and upon an application numbered 556/2024, ordered:

To the Director of the Public Registry to make the necessary annotations or corrections in the Act of Birth with number 1165/2023, so that the second name of Jacque Beck Connor is to be changed from 'Lynn' to 'Beck' and from 'L' to 'Beck' on the Act of Marriage number 1549/2023.

Court of Revision of Notarial Acts

Today Monday, 10th June, 2024

ADRIAN MICALLEF
Deputy Registrar, Court of Revision of Notarial ActsS

1312

Ikun jaf kulħadd illi bis-setgħat mogħtija lilha bl-artikolu 257 tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili,

It is hereby notified that in virtue of the powers conferred by Section 257 of the Civil Code, the Court of Revision of

b'Digriet tas-6 ta' Ġunju, 2024, u dan wara Rikors b'numru 573/2024, ordnat:

Lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku li jagħmel l-annotazzjonijiet jew korrezzjonijiet neċessarji fl-Att taż-Żwieġ numru 369/2022, biex kull fejn jidher l-isem tal-familja jiġi mibdul minn 'Vella Baldacchino Bellizzi' għal 'Vella Baldacchino'.

Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili
Illum it-Tnejn, 10 ta' Ġunju, 2024

ADRIAN MICALLEF
Deputat Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

Notarial Acts, by a Decree dated the 6th June, 2024, and upon an application numbered 573/2024, ordered:

To the Director of the Public Registry to make the necessary annotations or corrections in the Act of Marriage number 369/2022, so that wherever the family name appears it is to be changed from 'Vella Baldacchino Bellizzi' to 'Vella Baldacchino'.

Court of Revision of Notarial Acts
Today Monday, 10th June, 2024

ADRIAN MICALLEF
Deputy Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

1313

Ikun jaf kulħadd illi bis-setgħat mogħtija lilha bl-artikolu 257 tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili, b'Digriet tas-6 ta' Ġunju, 2024, u dan wara Rikors b'numru 553/2024, ordnat:

Lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku li jagħmel l-annotazzjonijiet jew korrezzjonijiet neċessarji fl-Att tat-Twelid numru 530/2019, biex kull fejn jidher l-isem 'Cong', dan jiġi sostitwit bl-isem korrett 'Qinruo'.

Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili

Illum it-Tnejn, 10 ta' Ġunju, 2024

ADRIAN MICALLEF
Deputat Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

It is hereby notified that in virtue of the powers conferred by Section 257 of the Civil Code, the Court of Revision of Notarial Acts, by a Decree dated the 6th June, 2024, and upon an application numbered 553/2024, ordered:

To the Director of the Public Registry to make the necessary annotations or corrections in the Act of Birth number 530/2019, so that wherever the name 'Cong' appears, it is to be replaced by the correct name 'Qinruo'.

Court of Revision of Notarial Acts

Today Monday, 10th June, 2024

ADRIAN MICALLEF
Deputy Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

1314

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet mogħti fis-sitta (6) ta' Ġunju tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Volontarja, Digriet numru 12/2024, ġie ordnat illi Dott. Jonathan Mintoff, avukat, bin Anthony Mintoff u Domenica née Mifsud, imwieled Tal-Pietà, Malta, u residenti l-Għasri, Għawdex, (karta tal-identità numru 9495M), jiġi maħtur bħala kuratur temporanju tal-interdetta Gertrude Portelli, xebba, bint il-mejjet Francis Portelli u Mary née Spiteri, imwielda r-Rabat, Għawdex, u residenti r-Rabat, Għawdex (karta tal-dentità numru 17382G), u dan in sostituzzjoni tal-kuratriċi preċedenti Vivienne Portelli, bint il-mejjet Francis Portelli u Mary née Spiteri, imwielda r-rabat, Għawdex (karta tal-identità numru 2971G).

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Volontarja

It is hereby notified that in virtue of a decree dated sixty (6th) of June of the year two-thousand and twenty-four (2024) given by the Court of Magistrates (Gozo) in its Voluntary Jurisdiction, Decree number 12/2014 (BS), the Court has ordered that Dr Jonathan Mintff, lawyer, son of Anthony Mintoff and Domenica née Mifsud, born in Tal-Pietà, Malta, and residing in Għasri, Gozo (identity card number 9495M), be appointed as temporary curator of the interdicted Gertrude Portelli, unmarried, daughter of the late Francis Portelli and Mary née Spiteri, born in Victoria, Gozo, and residing in Victoria, Gozo (identity card number 17382G), and this in substitution of the former curator Vivienne Portelli, daughter of the late Francis Portelli and Mary née Spiteri, born in Victoria, Gozo (identity card number 2971G).

Registry of the Courts of Magistrates (Gozo), Volontary Jurisdiction

Illum 11 ta' Ġunju, 2024

DANIEL SACCO
Għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali (Għawdex)

Today 11th of June, 2024

DANIEL SACCO
For Registrar Courts and Tribunals (Gozo)

1315

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fis-6 ta' Ġunju, 2024, fuq rikors ta' Cachia Patrick (KI 179954M) ġie ffissat il-jum tal-Ħamis, 21 ta' Novembru, 2024, fil-ħdax ta' filgħodu (11.00 a.m.) għall-bejgħ bl-irkant, li għandu jsir f'Kamra Numru 78, Biswit l-Arkivju, Livell -1, Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta, tal-fond hawn taħt deskritt:

L-appartament immarkat numru sitta (6), f'43, Shishman Court, fi Triq il-Witja, Ħal Tarxien li jikkonsisti minn appartament fit-tieni sular (first floor) bi dħul minn intrata, taraġ u lift komuni bejn disa' appartamenti u huwa aċċessibbli minn taraġ u lift komuni u sovrapost u sottopost għal appartamenti ta' terzi, u huwa suġġett u jgawdi s-servitù tal-mogħdija tal-katusi tad-drains, drenaġġ, u ilma tax-xita mill-fondi sottoposti u sovrastanti għal fini ta' manutenzjoni, riparazzjoni u tiswija tal-istess katusi f'ħinijiet raġonevoli u bi preavviż. Inoltre jgawdi s-servitù ta' tqegħid u manutenzjoni ta' tank tal-ilma ta' kapaċità ta' mhux aktar minn seba' mija u ħamsin litru (750L) fuq l-ogħla bejt tal-blokk kif ukoll dritt ta' aċċess għal fuq l-imsemmi bejt għal skop ta' installazzjoni, manutenzjoni u riparazzjoni tal-istess tank tal-ilma u dan f'ħinijiet raġjonevoli u bi preavviż xieraq. L-appartament igawdi wkoll id-dritt li jqabbad bi ħlas ma' sistema komuni waħda ta' television aerial u satellite dish. Finalment, l-appartament huwa suġġett għas-servitujiet passivi u jgawdi d-drittijiet u servitujiet attivi riżultanti mill-pożizzjoni relattiva tiegħu fil-blokk, inkluż porzjon diviż tal-bejt tal-blokk fit-third floor ta' ċirka ħames metri kwadri (5m2) inkluż l-arja tiegħu sabiex jintuża biss għall-inxir b'żiemel u mhux b'xi arbli tal-inxir u dan kif jirriżulta minn kuntratt fl-atti tan-Nutar Dott. Jonathan Zammit tat-tlettax ta' Jannar tas-sena elfejn u disgħa (13.1.2009), u li jikkonfina mit-Tramuntana mat-triq pubblika Triq il-Witja, fuq il-Punent ma' proprjetà ta' Jos Jane Construction Ltd, mil-Lvant ma' proprjetà tal-aħwa Galea jew suċċessuri tagħhom, kif deskritt fl-atti tan-Nutar James Grech datat tnejn u għoxrin ta' Frar, tas-sena elfejn u sbatax (22.2.2017), liberu u frank, bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tieghu.

Il-garaxx internament innumerat erbgħa (4) ta' karozza waħda b'kejl internament li jvarja minħabba x-xtur, fil-livell sotterran (semi basement), u li jifforma parti mill-istess blokka bl-isem 'Shishman Court' fi Triq il-Witja, Ħal Tarxien, aċċessibbli minn rampa minn l-istess triq, mingħajr

By decree given by the Civil Court, First Hall, on the 6th June, 2024, on the application of Cachia Patrick (ID 179954M), Thursday, 21st November, 2024 at eleven in the morning (11:00 am), has been fixed for the sale by auction, to be held in Room Number 78, Nearby the Courts Archives, Level -1, Courts of Justice, Triq ir-Repubblika, Valletta, of the following property:

The apartment marked number six (6), in 43, Shishman Court, in Triq il-Witja, Ħal Tarxien, consisting of an apartment on the first floor with entrance from an entrance hall, stairs and lift in common between nine apartments and which is accessible from a common stairs and lift and is overlying and underlying third party apartments, and is subject to and enjoys from the servitudes of pipe drains, drainage and rain water paths from the underlying and overlying tenements for maintenance, servicing and repairs purposes of the said pipe drains in reasonable hours and with a pre notice. More over, it enjoys the servitude of the laying and maintenance of a water tank of capacity not more than seven hundred and fifty litre (750L) on the highest roof of the block as well as the right of access to the said roof for installation, maintenance and repairs purposes of the said water tank, in reasonable hours and with an adequate pre notice. The apartment also enjoys the right, that against payment, connects with a common system of a television aerial and satellite dish. Finally, the apartment is subject to the passive servitudes and enjoys the rights and active servitudes resulting from its relative position in the block, including the divided portion of the roof of the block on the third floor of circa five metre square (5m2) including its airspace to be used only for drying clothes on a clothes horse and not by means of a clothes line poles and this as resulting from the contract in the acts of Notary Doctor Jonathan Zammit dated thirteenth January of the year two thousand and nine (13.1.2009), and which is bounded on the north by the public street Triq il-Witja, on the west by property of Jos Jane Construction Ltd, and on the east by property of the brothers Galea or their successors in title, as described in the acts of Notary James Grech dated twenty second of February, of the year two thousand and seventeen (22.2.2017), free and unencumbered, with all its rights and appurtenances.

The one car garage internally numbered four (4), with internal measurements varying due to lack of symmetry, situated at semi basement level, and which forms part of the same block 'Shishman Court' in Triq il-Witja, Ħal Tarxien, accessible from a ramp from the same street, without its

l-arja tiegħu u jinsab sottomess proprjetà ta' terzi fil-livell terran (ground floor) tal-istess blokka residenzjali.

L-imsemmija appartament numru sitta (6) u l-garaxx internament innumerat erbgħa (4) jiffirumaw parti mill-blokk li jikkonfina mit-Tramuntana mat-triq pubblika Triq il-Witja, mill-Punent ma' proprjetà tal-konjuġi Genuis, mil-Lvant ma' proprjetà tal-aħwa Galea jew is-suċċessuri rispettivi tagħhom fit-titolu u huma stmati li jiswew mitejn u wieħed u disgħin elf ewro (€291,000).

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' Cachia Glenn (KI 448693M).

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt fl-atti tas-subbasta 47/2022.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum it-Tlieta, 11 ta' Ġunju, 2024

GAETANA AQUILINA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

airspace and is underlying third party property on the ground floor level of the same residential block.

The said apartment number six (6) and the internal garage numbered four (4) form part of the block which is bounded on the north by the public street Triq il-Witja, on the west by property of the spouses Genius, on the east by property of the brothers Galea or their respective successors in title and are valued at two hundred and ninety one thousand euro (€291,000).

The said tenement is the property of Cachia Glenn (ID 448693M).

N.B. The said tenement will be sold as described in the acts of judicial sales number 47/2022.

Registry of the Superior Courts, this Tuesday, 11th June, 2024

GAETANA AQUILINA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1316

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fid-9 ta' April, 2024, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 103/2024DC, li ġie ppreżentat fl-1 ta' Frar 2024, fl-ismijiet: Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana vs Sessegnon Stephane, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap.12 biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimata. Ir-rikorrent talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex fost oħrajn: Tordna li kopja ta' dan ir-rikors flimkien mad-dokumenti hawn annessi u mmarkati bħala Dok. B u C, jiġu notifikati lilll-intimata skont id-dispożizzjonijiet relevanti tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u sabiex tordna r-reġistrazzjoni tad-dokument hawn anness u mmarkat bħala Dok. B bħala kopja uffiċjali tagħha, sabiex tali dokument jikkostitwixxi titolu eżekuttiv.

Ir-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għas-smigħ nhar it-18 ta' Ġunju, 2024, fid-9.00 a.m.

Notifika Intimata: Sessegnon Stephane, Sirens Football Stadium, Annex Bldg, Triq il-Wileġ, San Pawl il-Baħar

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 10 ta' Ġunju, 2024

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree given by the Civil Court, First Hall, on the 9th April, 2024, in the records of Sworn Application number 103/2024DC, which was filed on the 1st February 2024, in the names: Commissioner for Revenue and Customs vs Sessegnon Stephane, the following publication was ordered, in terms of Article 187 (3) et sequitur of Cap.12 for the purpose of service of the respondent. The applicant asked this Honourable Court to, among others: Order a copy of this Application together with the documents hereby attached and marked as Doc. B and C, be notified to the respondent according to the relevant provisions of Cap. 12 of the Laws of Malta and order the registration of the document hereby attached and marked as Doc. B as its official copy, so that such document constitutes an executive title.

The Sworn Application in the names mentioned above is adjourned for hearing on the 18th June, 2024, at 9.00 a.m.

Notify Respondent: Sessegnon Stephane, Sirens Football Stadium, Annex Bldg, Triq il-Wileġ, St Paul's Bay

Registry of the Superior Courts, today 10th June, 2024

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta FSC® — *Printed at the Government Printing Press on FSC® certified paper*